**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11/2018

**It-Tlieta 28 ta' Awwissu, 2018**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-1:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Mark Causon – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

11.1.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jagħmel minuta silenzju b'rispett lejn l-ex Kunsilliera Evelyn Vella Brincat li ġiet nieqsa fil-jiem li għaddew.

11.1.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.1.3 Il-Kunsill qabel unanimament u l-membri waqfu għall-minuta silenzju.

11.1.4 Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li fl-uffiċċju tal-Kunsill għandu jitwaħħal ritratt tal-ex Kunsilliera Evelyn Vella Brincat bħala memorja tagħha wara li ħalliet id-dinja waqt li kienet għada membru tal-Kunsill.

11.1.5 Is-Sindku Dean Hili ssekonda u żied li dan għandu jitwaħħal fl-uffiċċju tal-Kunsilliera.

11.1.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 10/2018.

11.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 10/K7/2018 kif ippreżentati.

11.2.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/1990/18/I** Email mingħand l-MCA fejn talbu l-permess tal-Kunsill għall-użu tas-sala tal-Kunsill bejn Ottubru/Novembru 2018 biex isiru sessjonijiet ta' taħriġ lill-klijenti tal-POYC fuq il-MyHealth.

11.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1990/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

11.3.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2035/18/I** Email mingħand Reġjun Tramuntana fejn talbu laqgħa mas-Segretarji nhar it-Tnejn 13 ta' Awwissu fl-10.30am ġewwa r-Reġjun dwar l-ewwel Festival bl-isem Malta International Folk.

11.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2035/18/I** fejn informa lill-Kunsill dwar l-attivita' li qed jorganizza r-Reġjun Tramuntana liema attivita' ser issir fi Ġnien Pembroke nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru 2018, filgħodu.

**46/2098/18/I** Kwotazzjoni mingħand il-kumpanija Terracore għall-prezz ta' €295 inkluż il-VAT sabiex isir survey ta' sit bejn il-Park & Ride u Triq Sant'Andrija.

11.3.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2098/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima.

11.3.6 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

11.3.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2109/18/I** Email mingħand Għaqda Siġar Maltin fejn talbu sabiex jużaw is-sala tal-Kunsill biex isiru 2 talks fis-7 ta' Settembru u tibda fis-7.00pm.

11.3.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2109/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jinforma lill-għaqda li l-Kunsill jaqbel l'issir din id-diskussjoni, iżda tali attivita' għandha ssir f'Ottubru.

11.3.9 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2133/18/I** Email mingħand Malta Textile Recycling fejn bagħtu l-proposta l-ġdida fuq il-ġbir ta' ħwejjeġ bl-introduzzjoni wkoll ta' deposit bins.

11.3.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2133/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jilqax it-talba biex jitpoġġew bins fil-lokal minħabba li s-servizz ta' bieb bieb huwa tajjeb ħafna.

11.3.12 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.3.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2150/18/I** Ittra mingħand is-sur Anthony Micallef fejn informa lill-Kunsill li għandu kamra fil-limiti tat-Torri tal-Madliena u minħabba l'ingħalaq l-aċċess mill-AFM, talab sabiex jerġa' jinfetaħ ħalli jkollu aċċess għall-kamra.

11.3.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2150/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din it-talba peress li ż-żona hija propjetà tal-AFM u l-Kunsill ma jistax jimponi fuq terzi, speċjalment l-Armata.

11.3.15 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.3.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2163/18/I** Email mingħand is-sur Mario Camilleri fejn b'riferenza għall-email tal-Kunsill, ikkonferma li huwa nteressat li jkun il-ko-ordinatur għall-attività tal-Halloween u staqsa meta jista' jiltaqa' ma' rappreżentant tal-Kunsill.

11.3.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2163/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mas-sinjur dwar dak li hemm bżonn u eventwalment jintalab jipprovdi kwotazzjoni għas-servizzi tiegħu.

11.3.18 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

11.3.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.20 Is-Sindku Dean Hili ppropona li tiġi nstallata tinda fil-parkeġġ tal-Kunsill u għalhekk għandhom jinġabru l-istimi neċessarja u jintalab il-parir tal-Perit dwar kif l-aħjar li għandha issir.

11.3.21 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

11.3.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

11.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 11.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

11.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 31/2018** – Rapport tal-laqgħa li saret ma' WasteServ **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 32/2018** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 10/K7/18 u 11/K7/18 **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 33/2018** - Lista ta' ilmenti li rċieva l-Kunsill bejn laqgħa referenza 10/K7/18 u 11/K7/18 **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 34/2018** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 10/K7/18 u 11/K7/18 **(Dok. 4)**

11.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 33/2018** dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill, fejn ippropona li:

| **Referenza** | | **Ilment** | **Azzjoni** |
|---|---|---|---|
| 13 | 2018 | Talba biex tigi rrangata l-bankina quddiem id-dar numru 2, Triq Ferdinand Gregh minħabba li meta għaddew il-cables snin ilu, il-bankina qatt ma ġiet rranġata. | Qbil li jinbidel il-wiċċ tal-parti li hemm miksur, fejn huwa sfrundat. |
| 15 | 2018 | Hemm bżonn jissaqqew is-siġar ta' Ġnien F.X. Caruana u jiġi rranġat id-dawl tiegħu. | It-tisqijja qed issir u aktar tard fil-laqgħa ser tiġi diskussa l-problema tad-dawl. |
| 24 | 2018 | Talba biex il-kaxxa safra li hemm quddiem parti minn **Blk 4 Triq Pietru** D'Armenia titneħħa għaliex il-post mhux garaxx iżda parapett u fih ma toqgħodx karozza li għandu s-sid stess minħabba nuqqas ta' spazju. | Il-parking bays għandhom isiru bojod minħabba li m'hemm ebda garaxx li jimmerita kaxxa safra. |

11.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 34/2018** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

11.5.6 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

11.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.6 Aġġudikar - CoA 2018/01 - Professional Services of Junior Science Club Animators.

**46/2151/18/I** Applikazzjoni tal-Junior Science Club Animators mingħand Miss Joanna Pullicino.

**46/2169/18/I** Email mingħand is-Science Centre fejn ikkonfermaw li jirrakkomandaw li l-applikazzjoni għal Junior Science Club ta' Ms. Joanna Pullicino tiġi aċċettata.

11.6.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li kienet daħlet applikazzjoni waħda, fejn wara konsultazzjoni maċ-Ċentru tax-Xjenza, ir-rakkomandazzjoni tagħhom, bħala l-persuni kompetenti fis-settur kienet li tiġi milqugħa. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li tiġi milqugħa l-applikazzjoni sottomessa minn Ms. Joanna Pullicino.

11.6.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.7 Rapport dwar id-dawl fi Ġnien Clifford Micallef.

11.7.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għar-rapport li sar mill-Ing. Mario Galea kif ukoll għall-BOQ tax-xogħol li hemm bżonn, kif ukoll għall-istima li kien preżenta l-kuntrattur Mica Med u l-istima issa aġġornata skond dak mitlub mill-Inginier, fejn ippropona li l-Kunsill għandu jilqa' din l-istima tal-kuntrattur abbażi tar-rapport tal-Inġ. u għalhekk għandu jiġi ordnat ix-xogħol u jsir kemm jista' jkun malajr.

11.7.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.8 Tneħħija ta' skips abbażi tar-riforma fil-ġbir ta' skart.

11.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għad-diskussjoni li saret fil-laqgħa preċedenti fejn ippropona li ladarba ser tidħol fis-seħħ ir-riforma tal-iskart f'Ottubru li ġej, l-iskips on wheels għandhom jitneħħew mit-toroq kollha tal-lokal b'effett mill-1 ta' Ottubru 2018, fejn ser ikun hemm biżżejjed żmien biex ir-residenti jiġu nfurmata b'dan it-tibdil. Il-kelliem ippropona wkoll li kull fejn hemm skips u kien sar intervent infrastrutturali, dan għandu jiġi rranġat mill-kuntrattur J&K Contractors u li r-residenti jiġi nfurmata b'dan it-tibdil permezz ta' flyers/ittri li jitqassmu bieb bieb.

11.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.8.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal World Clean Up Day li ser issir fil-15 ta' Settembru 2018 u ppropona li jekk ikun hemm bżonn il-Kunsill għandu jikkontribwixxi billi jipprovdi 2 open skips.

11.8.5 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.8.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

11.9.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok.5 u 6)**

11.9.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

11.9.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.9.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.10 Mozzjonijiet.

11.10.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 11.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.11.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.45pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' Settembru 2018 fis-1:30pm.

Konfermati, llum 27 ta' Settembru, 2018

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**